FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Novembru, 2001

**Avviz Nru:1763/99 PM**

**Paul Borg**

**vs**

**Pierre Parnis**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi presentat fil-15 ta' Novembru, 1999, fejn l-attur talab lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) oltre l-imghax legali rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' dawl u ilma esegwit fil-fond 86/9, St. Paul Street, Valletta esegwit fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

Ra li fl-24 ta' Frar, 2000, issejhet il-kawza fejn Dr. Mark Fenech ghall-attur talab illi n-notifika lill-konvenut issir a tenur tal-artikolu 187 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ra li fis-16 ta' Marzu, 2001, issejhet il-kawza fejn l-attur irrinunzja ghal procedura tal-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern in vista tan-notifika bi procedura tal-affissjoni.

Ra r-risposta fl-ismijiet premessi presentat fil-21 ta' Marzu, 2000 fejn il-konvenut talab li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba li x-xoghol ma sarx skond il-ftehim bejn il-partijiet u fil-fatt ix-xoghol in kwistjoni lanqas biss tlesta mill-istess konvenut.

Ra illi fl-istess risposta datata 21 ta' Marzu, 2000, il-konvenut qal li kien diga' hallas lill-attur ghas-saldu tax-xoghol li ghamel fuq inkarigu tieghu.

Ra li fl-10 ta' April 2000 issejhet il-kawza fejn l-attur bil-gurament qal illi l-konvenut talbu biex jaghmillu xoghol ta' 'conduits' komplet u ftehmu fuq il-prezz ukoll. Il-konvenut hallas zewg akkonti li ammontaw ghall-mitejn lira Maltin (LM200) u ghalhekk kien fadal bilanc ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250).

Ra illi fl-istess seduta datata 10 ta' April, 2000, l-attur qal li baqa' jistenna lill-konvenut sabiex jinformah li l-madum kien lest izda dan

qatt ma gara u ghalhekk ix-xoghol ma setax jitkompla. L-attur ippretenda li jinkludi anke x-xoghol li kien ghadu ma' ghamilx fil-bilanc jigifieri l-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25). L-attur kien miftiehem ma' l-konvenut biex jiltaqghu izda l-istess konvenut qatt ma mar.

Ra li fil-25 ta' Mejju, 2000, issejhet ilkawza fejn l-attur bil-gurament qal illi l-ewwel prezz miftiehem kien ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (LM350) izda wara zdied ix-xoghol u il-prezz teghla ghal erba' mija u hamsin lira Maltin (LM450) . L-attur ikkonferma li mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) minnhom kienu biss ghal-'labour', jigifieri xoghol tal-idejn.

Ra ukoll ir-riezami fl-istess seduta tal-25 ta' Mejju, 2000, fejn l-attur qal illi l-konvenut kien hallsu l-ispejjez tal-materjal li kien xtara l-attur stess. L-attur qal ukoll li l-konvenut kien tah zewg 'cheques' ta' mill lira Maltin-il wiehed (LM100) li ma ssarrfux, pero' dawn tahomlu 'cash'.

Ra li fl-istess seduta xehed Adrian Buhagiar, prodott mill-konvenut bil-gurament u qal li kien presenti meta l-konvenut ta lill-attur mitt lira Maltin (LM100) izda l-attur talbu mija u hamsin lira Maltin (LM150) minflok. Adrian Buhagiar qal illi l-konvenut ma kellux hamsin lira Maltin (LM50) u ghalhekk harighom Adrian Buhagiar minn butu (Dok AB1).

Ra il-kontroezami x-xhud Adrian Buhagiar qal li hu kien gibed hamsin lira Maltin (LM50) mill-Bank u tahom lill-konvenut, li fil-presenza tieghu tahom lill-attur.

Fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2000, rega' xehed l-attur fejn qal li x-xoghol in kwistjoni sar xi sentejn ilu.

Il-konvenut Pierre Parnis xehed li huwa kien qabbad lill-attur biex jaghmel xi xoghol. L-attur beda f'Mejju ta' l-1997 u spicca f'Dicembru ta' l-1997.

F'risposta ulterjuri l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni giet michuda b'decizjoni tat-Tribunal kif differentement presjeduta. Decizjoni datata 26 ta' Frar, 2001.

Illi Carmen Parnis xehdet li l-attur kien ghamel xi xoghol fil-post tal-konvenut. Dak iz-zmien il-konvenut kien jghix maghha fil-Mosta.

Fid-9 ta' Marzu, 2001, rega' xehed l-attur fejn qal li l-konvenut kien hallsu total ta' mitejn lira Maltin (LM200) f'cash u dan wara li kien tah zewg 'cheques' li ma gewx onorati. L-attur qatt ma hareg ircevuta.

Il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut fis-6 ta' April, 2001, fl-10 ta' Mejju, 2001, fit-22 ta' Gunju, 2001, u fit-23 ta' Lulju, 2001. Illi billi l-konvenut ma gabx provi ulterjuri l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Illi l-konvenut fil-mertu sostna, li x-xoghol ma sarx skond il-ftehim u minghajr pregudizzju u li hu kien hallas ghas-saldu.

Illi l-konvenut naqas li jissostanzja l-eccezzjonijiet tieghu bl-ebda mod. Meta xehed il-konvenut kull ma qal kien dwar meta beda u meta spicca mix-xoghol l-attur. Illi l-konvenut kellu igib il-provi li x-xoghol ma sarx skond il-ftehim u ma gab ebda provi f'dan ir-rigward. Illi l-konvenut eccepixxa ukoll l-pagament ghas-saldu. Kien il-konvenut li kellu jipprova dan. Ma gab ebda rcevuta u lanqas xehed fuq dan il-fatt.

Illi wara li gew kkunsidrati l-fatti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa it-talba attrici bl-ispejjez.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**